A.L. 46 ta' l-1986

ORDINANZA DWAR L-ORGANIZZAZZJONI TAD-DIPARTIMENT TAS-SAHHA (KAP. 148)

Ordnijiet Permanenti ta' l-1986 tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu 5 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, il-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina, bl-approvazzjoni tal-Ministru tas-Saħħa, għamel l-ordnijiet permanenti li ġejjin:—

TAQSIMA I

Titolu u Tifsir

Titolu. **1.** Dawn l-ordnijiet permanenti għandhom jissejħu l-Ordnijiet Permanenti ta' l-1986 tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina.

Tifsir. **2.** F'dawn l-ordnijiet permanenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Bord" tfisser il-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa.

TAQSIMA II

Notamenti ta' Nomina jew Elezzjoni ta' Membri

Notamenti. **3.** Ir-Reġistratur għandu jżomm notamenti li juru l-isem ta' kull membru tal-Bord, id-data tan-nomina jew elezzjoni tiegħu, l-Awtorità jew il-Professjoni li minnha ġie nominat jew elett, id-disposizzjoni tal-liġi skond liema huwa jkun ġie elett jew nominat, iż-żmien ta' kariga tiegħu u d-data ta' l-irtir, riżenja jew mewt tiegħu.

Vaganzi. **4.** Mar-riżenja, mewt jew egħluq ta' żmien ta' kariga tal-membri nominati, il-President għandu jara li avviż dwar hekk jintbagħat lill-Awtorità konċernata. Fil-każ ta' membri eletti, il-President għandu jara li ssir elezzjoni skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 28G ta' l-Ordinanza u tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar l-Elezzjonijiet tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina.

TAQSIMA III

Proċeduri tal-Bord

Laqgħat.

5. Il-Bord għandu jżomm laqgħat kull xahar kif speċifikat fil-paragrafu 4 (3) tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza. B'żieda, laqgħat tal-Bord jistgħu jissejħu f'kull żmien ieħor b'ordni tal-President u għandhom jissejħu wkoll fuq talba bil-miktub iffirmata minn mhux anqas minn ħamsa mill-membri u indirizzata lill-President, li għandu jara li dik il-laqgħa tissejjaħ egħluq sebat ijiem minn meta jirċievi dik it-talba.

Avviż ta' laqgħat.

6. Il-laqgħat kollha tal-Bord għandhom jissejħu mir-Reġistratur b'avviż indirizzat lil kull membru u mibgħut bl-idejn jew bil-posta reġistrata.

Hin u post tal-laqgħat.

7. L-avviż għandu juri l-ħin u l-post tal-laqgħa u l-iskop tagħha bid-dettal u jekk hux għal xogħol ġenerali jew għal xi xogħol (li jissemma') speċjali; għandha tintbagħat ma' dak l-avviż kopja tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

Aġenda.

8. Ir-Reġistratur għandu jibgħat kopja ta' l-aġenda lil kull membru mhux anqas minn ħamest ijiem qabel il-ġurnata tal-laqgħa, ħlief f'xi każ ta' urġenza speċjali, li jiġi deċiż mill-President, meta avviż ta' jumejn ikun biżżejjed.

Avviż ta' mozzjonijiet.

9. Kull avviż ta' mozzjoni biex titniżżel fil-programm tax-xogħol għal laqgħa għandu jiġi riċevut mill-President mill-anqas tnax-il ġurnata qabel.

Assenza tal-President.

10. Fl-assenza tal-President minn xi laqgħa tal-Bord, għandu jiġi elett *chairman* għal dik il-laqgħa mill-membri preżenti.

Deċiżjonijiet.

11. Id-deċiżjoni tal-Bord tkun b'maġġoranza tal-voti. Il-President tal-Bord jew, meta l-President ikun assenti, iċ-*chairman* elett għal dik il-laqgħa jkollu vot oriġinali u, fil-każ ta' voti ndaqs, vot ieħor ukoll jew vot deċiżiv.

Quorum.

12. Ebda xogħol ma għandu jsir mill-Bord kemm-il darba ma jkunx hemm preżenti quorum ta' sebgħa.

Ordni tax-xogħol.

13. L-ordni tax-xogħol f'kull laqgħa regolari jkun dan li ġej:—

(a) (i) qari, emendar, konferma u firma tal-President jew, skond il-każ, taċ-*chairman* elett mil-laqgħa, tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel;

(ii) xogħol li jinqala' mill-minuti;

(b) korrispondenza;

(ċ) ħwejjeġ ta' urġenza;

(d) xogħol aġġornat;

(e) rapporti ta' kumitati;

(f) mozzjonijiet fuq in-*notice-paper*.

14. L-ordni regolari tax-xogħol jista' jiġi varjat jew sospiż f'kull laqgħa fid-diskrezzjoni tal-President. Varjazzjoni ta' ordni tax-xogħol.

15. Hlief bil-permess tal-membri kollha preżenti, ebda membru ma għandu jintroduċi għal diskussjoni f'laqgħa suġġett li ma jkunx imniżżel kif imiss fin-*notice-paper* għal dik il-laqgħa. Sospensjoni ta' l-ordni tax-xogħol.

16. Qabel ma xi mozzjoni jew emenda tiġi diskussa, għandha tiġi proposta u sekondata u għandha tiġi mniżżla bil-miktub. L-emendi kollha formali għandhom jiġu formulati b'mod li jistgħu jinqraw bħala mozzjonijiet indipendenti. Mozzjonijiet, eċċ.

17. Ebda mozzjoni ta' emenda ma tista' tiġi rtirata wara li tkun ġiet moqrija jekk mhux bil-permess tal-Bord Irtir ta' mozzjoni ta' emenda.

18. Min jissekonda mozzjoni jew emenda jista' jirriżerva d-diskors tiegħu għal kull żmien tad-diskussjoni; iżda biss min jipproponi għandu d-dritt għal tweġiba finali. Diskussjoni fuq mozzjoni.

19. Jekk emenda tiġi proposta, għandha tiġi meħlusa qabel ma titressaq ebda emenda oħra. Mozzjoni ta' emenda.

20. L-emenda għandha l-ewwel titqiegħed għall-voti u, jekk tiġi megħluba, tista' titressaq emenda oħra u għandha tiġi meħlusa bl-istess mod bħal l-ewwel emenda u jitkompla hekk sakemm ma jkunux proposti emendi oħra. Helsien ta' mozzjonijiet emendanti.

21. Jekk kull emenda tiġi megħluba, il-mozzjoni oriġinali għandha wara dan titqiegħed għall-voti. Mozzjoni oriġinali.

22. Jekk xi emenda tgħaddi, għandha wara dan titqies bħala mozzjoni sostantiva u trattata, dwar emendi oħra u d-dritt ta' diskussjoni fuqha bi tweġiba, u fl-aspetti l-oħra kollha, bħala mozzjoni oriġinali. Mozzjoni ta' emenda ssir sostantiva.

23. Meta mozzjoni tkun taħt diskussjoni, ebda proposta oħra ma għandha tiġi riċevuta jekk ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin:— Proposti fuq mozzjoni taħt diskussjoni.

(i) emenda, jiġifieri: "Illi l-mozzjoni tiġi emendata kif ġej ...";

(ii) posponiment tal-mistoqsija, jiġifieri: "Illi l-konsiderazzjoni fuq il-mozzjoni tiġi posposta";

(iii) aġġornament tad-diskussjoni, jiġifieri: "Illi d-diskussjoni fuq il-mozzjoni tiġi issa aġġornata";

(iv) aġġornament tal-Bord, jiġifieri: "Illi l-Bord issa jaġġorna";

(v) egħluq tad-diskussjoni, jiġifieri: "Illi l-Bord issa jgħaddi għall-votazzjoni fuq il-mozzjoni";

(vi) mistoqsija ta' qabel dwar il-mozzjoni, jiġifieri: "Illi l-Bord, minflok ma jkompli jittratta l-mozzjoni, jgħaddi għall-*item* li jaħbat wara fuq il-programm tax-xogħol".

Proposti fuq mozzjoni ta' emenda taħt diskussjoni.

24. Meta emenda tkun taħt diskussjoni, ebda proposta oħra ma għandha tiġi riċevuta jekk ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin:—

(i) aġġornament tad-diskussjoni fuq l-emenda, jiġifieri: "Illi d-diskussjoni fuq l-emenda tiġi issa aġġornata";

(ii) aġġornament tal-Bord, jiġifieri: "Illi l-Bord issa jaġġorna";

(iii) egħluq tad-diskussjoni fuq l-emenda, jiġifieri: "Illi l-Bord issa jgħaddi għall-votazzjoni fuq l-emenda";

(iv) mistoqsija ta' qabel dwar l-emenda, jiġifieri: "Illi l-Bord, minflok ma jkompli jittratta l-emenda, jerġa' jibda d-diskussjoni fuq il-mozzjoni proposta oriġinarjament".

Proposta biex taġġorna diskussjoni.

25. Il-proposta għall-posponiment tal-kwistjoni tista' tispeċifika data għall-konsiderazzjoni oħra tal-kwistjoni jew tkun *sine die*.

Xogħol sussegwenti u mozzjoni aġġornata.

26. Jekk il-proposta għall-posponiment tad-diskussjoni tgħaddi, il-Bord għandu jgħaddi għall-*item* li jaħbat wara fuq il-programm tax-xogħol u d-diskussjoni għandha terġa' tibda fil-laqgħa ordinarja tal-Bord li taħbat wara. Min jipproponi l-aġġornament għandu, kif terġa' tibda d-diskussjoni, id-dritt li jitkellem l-ewwel.

Tmexxija ta' xogħol mhux oppost

27. Meta ssir u tiġi sekondata l-proposta għall-aġġornament tal-Bord, il-President ikun jista' qabel ma jagħmel il-mistoqsija, jieħu l-opinjoni tal-Bord jekk ikunx sejjer, qabel ma jieqaf, ikompli t-tmexxija tax-xogħol mhux oppost.

Egħluq tal-laqgħa.

28. Il-proposta għall-egħluq għandha ssir u tiġi sekondata mingħajr diskussjoni, u għandha, kemm il-darba l-President ma jordnax xort'oħra, titqiegħed minnufih. Jekk il-proposta tgħaddi, il-mozzjoni jew l-emenda taħt diskussjoni għandha tgħaddi għall-vot mill-Bord minnufih.

Proposta għall-mistoqsija ta' qabel.

29. Il-proposta għall-mistoqsija ta' qabel għandha ssir u tiġi sekondata mingħajr diskussjoni, u għandha titqiegħed minnufih. Jekk il-proposta tgħaddi, il-mozzjoni jew l-emenda li għaliha tapplika għandha titneħħa mill-programm ta' xogħol.

Votazzjoni.

30. Kwistjoni għandha tiġi deċiża b'wiri ta' idejn jekk ma tintalabx votazzjoni sigrieta minn xi membru. Il-vot għandu jitniżżel fil-minuti.

Taħsir ta' deċiżjonijet tal-Bord.

31. Mozzjoni biex tiġi rtirata xi deċiżjoni tal-Bord ma tistax tiġi proposta qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni relattiva jekk il-Bord ma jiddeċidix unanimament xort'oħra.

Minuti.

32. Il-proċeduri kollha tal-Bord għandhom jitniżżlu f'forma ta' minuta u jiġu legati perjodikament u l-ismijiet tal-membri preżenti f'kull laqgħa għandhom jitniżżlu fil-minuti.

Notament tal-mozzjonijiet.

33. Il-minuti ta' kull laqgħa jkollhom dawk il-mozzjonijet u emendi li jkunu ġew proposti u adottati jew meġħluba bl-ismijiet ta' min

ikun ippropona u ta' min ikun issekonda, iżda mingħajr ebda kumment jew osservazzjoni tal-membri. Ir-raġuni tad-deċiżjoni għandha, b'dana-kollu, tiġi notata.

Konferma tal-minuti.

34. Il-President jew iċ-*chairman* elett mil-laqgħa, skond il-każ, għandu jikkonferma bil-firma tiegħu l-minuti li jsiru minħabba fit-tmexxija ta' xogħol ta' laqgħa.

Eżatezza tal-minuti.

35. Ebda mozzjoni jew diskussjoni ma għandha ssir fuq il-minuti ħlief dwar l-eżattezza tagħhom, u kull kwistjoni dwar l-eżattezza tagħhom għandha titqanqal b'mozzjoni. Jekk ebda kwistjoni bħal din ma titqanqal, jew jekk titqanqal, minnufih wara li tkun ġiet meħlusa, il-President jew iċ-*Chairman* elett mil-laqgħa, skond il-każ, għandu jiddikjara illi l-minuti huma konfermati.

Kumitati.

36. Il-Bord jista' jinnomina kif jidhirlu meħtieġ Kumitati Speċjali u Kumitati Permanenti biex jissottomettu rakkomandazzjonijiet lill-Bord dwar il-ħwejjeġ mibgħuta lilhom mill-Bord. Dawk il-Kumitati għandhom jissottomettu r-rakkomandazzjonijiet bil-miktub lill-President tal-Bord u jagħtu r-raġunijiet tar-rakkomandazzjonijet tagħhom.

Il-proċeduri għandhom jitqiesu bħala sigrieti.

37. Il-proċeduri kollha tal-Bord u tal-kumitat tiegħu għandhom jitqiesu bħala sigrieti. Iżda l-Bord jista' joħroġ dikjarazzjonijiet u direttivi kif jidhirlu xieraq minn żmien għal żmien.

TAQSIMA IV

Reġistri u Reġistrazzjonijiet

Tiżmim ta' reġistri separati.

38. Għandhom jinżammu reġistri separati għar-reġistrazzjoni ta' —

(a) spetturi tas-saħħa;

(b) tekniċi tal-laboratorju mediku;

(ċ) *occupational therapists;*

(d) fiżjoterapisti;

(e) podoloġisti;

(f) radjografi;

(ġ) *speech therapists;*

(ħ) iġjenisti dentali;

(i) tekniċi tal-laboratorju dentali;

(j) analisti tal-laboratorju mediku;

(k) ortoptisti.

Forma ta' reġistri.

39. Kull reġistru għandu jkun skond il-forma murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn l-ordnijiet permanenti u għandu juri dwar kull persuna l-partikolaritajiet imsemmija f'dik l-Iskeda.

Diviżjoni ta' reġistri f'listi.

40. Kull reġistru għandu jikkonsisti fit-tliet taqsimiet li ġejjin —

(a) Lista Prinċipali

(b) Lista tal-Commonwealth, u

(ċ) Lista Stranġiera.

Formula ta' applikazzjoni.

41. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni f'xi wieħed mir-reġistri għandha ssir lir-Reġistratur skond il-formula murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn l-ordnijiet permanenti.

Il-Bord għandu jiddeċidi dwar ir-reġistrazzjoni.

42. (1) Ir-Reġistratur għandu jqiegħed quddiem il-Bord l-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni.

(2) Ir-Reġistratur, meta jiġi ordnat biex jagħmel hekk mill-Bord, għandu jniżżel il-partikolaritajiet ta' persuna aċċettata għar-reġistrazzjoni fit-taqsima relattiva tar-reġistru xieraq.

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

43. Meta xi persuna li jkollha dritt tiġi reġistrata f'xi wieħed mir-reġistri jkollha isimha u l-partikolaritajiet mniżżlin fir-reġistru, għandu jiġi mogħti lilha ċertifikat ta' reġistrazzjoni skond il-formula murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn l-ordnijiet permanenti.

Notamenti mniżżlin fir-reġistri jkunu permanenti b'xi eċċezzjonijiet.

44. In-notamenti mniżżlin fir-reġistri għandhom bla ħsara tad-disposizzjonijiet li jinsabu fl-artikoli 45, 47 u 51 ta' dawn l-ordnijiet permanenti, jibqgħu permanenti. Iżda, kull persuna li hi hekk reġistrata tkun marbuta li tinnotifika lir-Reġistratur mingħajr dewmien b'kull tibdil li jolqot in-notament dwarha mniżżel f'xi wieħed mir-reġistri.

Tibdil fir-reġistri.

45. Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu li jaħbat minnufih wara dan, meta persuna li isimha jkun imniżżel f'xi wieħed mir-reġistri tapplika għand ir-Reġistratur biex tagħmel bidla fl-isem reġistrat tagħha jew fl-indirizz reġistrat tagħha jew biex xi kwalifika reġistrabbli li jkollha titniżżel fir-reġistru minflok jew b'żieda għall-kwalifika li tkun ġa mniżżla, il-Bord għandu, meta jkun soddisfatt illi l-ħtiġiet kollha ta' dawn l-ordnijiet permanenti jkunu ġew imħarsa, jara li titniżżel fir-reġistru xieraq il-bidla jew iż-żieda hekk notifikata.

Ħtiġiet għal bdil ta' isem reġistrat.

46. Meta persuna li isimha jkun imniżżel f'xi wieħed mir-reġistri tapplika biex ikollha bidla fl-isem reġistrat tagħha, hija għandha tipproduċi biex issostni l-applikazzjoni tagħha dawk iċ-ċertifikati jew prova oħra dokumentarja li l-Bord jista' jidhirlu adegwati.

Tiżmim ta' isem ġa reġistrat.

47. Malli tidħol fir-Reġistru xieraq xi bidla fl-isem ta' persuna li tkun reġistrata f'xi reġistru, ir-Reġistratur għandu jżomm fir-reġistru isimha kif kien ġa reġistrat:

Iżda jekk dik il-persuna titlob li l-isem tagħha ta' qabel jitneħħa mir-reġistru, it-talba tagħha tista' tiġi milqugħa wara li dak l-isem u l-isem ġdid ikunu dehru flimkien fi ħruġ wieħed tar-reġistru.

48. Ċertifikat li juri l-bdil ta' isem fir-reġistru, skond il-formula murija fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn l-ordnijiet permanenti, għandu jinħareġ meta jitniżżel fir-reġistru xieraq notament ta' bidla fl-isem ta' dik il-persuna. Ċertifikat ta' bdil ta' isem reġistrat.

49. (1) Kull wieħed mir-reġistri miżmumin mill-Bord għandu jiġi pubblikat kull tliet snin jew, jekk il-Bord hekk jaqtagħha, wara perijodu iqsar. Pubblikazzjoni tar-reġistri.

(2) Kull wieħed minn dawn ir-reġistri għandu juri l-ismijiet u kunjomijiet f'ordni alfabetiku tal-kunjomijiet, bl-indirizzi, kwalifiki u partikolaritajiet oħra tal-persuni kollha li jidhru fihom bħala eżistenti fl-ewwel jum ta' Jannar tas-sena tal-ħruġ.

50. Bla ħsara għal kull ordnijiet li jista' jagħti l-Bord, għandhom jintbagħtu ittri mir-Reġistratur, mill-anqas darba fis-sena, lill-persuni kollha li isimhom jidher fir-reġistri sabiex ir-reġistri jinżammu korretti. Ittri ta' kull sena mir-Reġistratur.

51. (1) Jekk min ismu jkun imniżżel f'xi wieħed mir-reġistri japplika lill-Bord għat-tneħħija ta' ismu minn xi wieħed mir-reġistri, l-applikazzjoni għandha tkun fil-forma ta' dikjarazzjoni ffirmata minnu li tispeċifika r-raġuni jew raġunijiet li fuqhom l-applikazzjoni tkun magħmula u li tgħid li l-applikant ma jaf b'ebda proċeduri jew b'ebda raġuni għat-teħid ta' xi proċeduri li jistgħu jġibu bħala riżultat — Tneħħija ta' isem fuq it-talba ta' min ikollu ismu reġistrat.

(a) li jkollu ismu mħassar minn dak ir-reġistru b'ordni tal-Bord skond l-artikolu 87B, l-artikolu 87D jew l-artikolu 87F ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew

(b) li titneħħilu xi kwalifika reġistrabbli li huwa jkollu.

(2) L-applikazzjoni għandha tiġi kunsidrata mill-Bord li jista', jekk jidhirlu xieraq, jagħġorna l-konsiderazzjoni għal data oħra, u jista' jeħtieġ lill-applikant li jagħti tagħrif jew spjegazzjoni oħra sew bil-miktub jew verbalment u personalment quddiem il-Bord.

(3) Wara li tiġi kunsidrata l-applikazzjoni, il-Bord jista', jekk jidhirlu xieraq, b'riżoluzzjoni magħmula mis-Sedja, jordna lir-Reġistratur li jneħħi, u r-Reġistratur għandu wara dan ineħħi, l-isem ta' l-applikant mir-reġistru.

(4) Jekk tkun ordnata t-tneħħija, id-deċiżjoni tal-Bord għandha minnufih tiġi notifikata mir-Reġistratur lill-applikant b'ittra indirizzata fl-indirizz tiegħu reġistrat jew l-aħħar magħruf.

52. Kemm-il darba l-Bord ma jordnax xort'oħra, ir-Reġistratur ma għandux jerġa' jniżżel fir-reġistru xi isem li jkun ġie mneħħi skond l-artikolu li jaħbat sew sew qabel dan, jekk il-persuna li isimha jkun ġie mneħħi ma tagħmilx applikazzjoni bil-miktub għat-tqegħid mill-ġdid ta' isimha fir-reġistru, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 87E ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Tqegħid mill-ġdid ta' ismijiet imneħħija fuq talba ta' min ikollu interess.

Siġill.

53. (1) Il-Bord għandu jkollu siġill li jkun fih l-iskrizzjoni BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA.

(2) Is-siġill għandu jinżamm taħt il-kustodja tar-Reġistratur.

Awtorizzazzjoni u skop ta' twaħħil tas-siġill.

54. (1) Ir-Reġistratur, jew kull uffiċjal ieħor tal-Bord awtorizzat bil-miktub mill-President tal-Bord, ikun awtorizzat li jwaħħal is-siġill fuq iċ-ċertifikati kollha ta' reġistrazzjoni u fuq il-kummissjonijiet formali maħruġa mill-Bord.

(2) Salv dak li ntqal qabel, is-siġill għandu jitwaħħal biss b'ordni jew taħt l-awtorità tal-Bord.

(3) Kull ordni għat-twaħħil ta' siġill għandu jgħid l-iskop ta' l-użu tiegħu u għandu jitniżżel fil-minuti tal-Bord.

Artikolu 39

L-EWWEL SKEDA

FORMA TA' REĠISTRI

BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI
GĦALL-MEDIĊINA — MALTA

Ir-Reġistru .....

Numru Oriġinali ta' Reġistrazzjoni	Isem	Indirizz	Data ta' Reġistrazzjoni	Titolu għar-Reġistrazzjoni u Kwalifiki Addizzjonali

IT-TIENI SKEDA

Artikolu 41

FORMULA TA' APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI

BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI
GĦALL-MEDIĊINA — MALTA

Applikazzjoni għar-Reġistrazzjoni

Jiena napplika biex niġi reġistrat skond l-artikolu ..... ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

Ismi sħiħ huwa .....
(Agħti isem sħiħ b'ittri kbar, il-kunjom sottolineat)

Twelidt ..... fil- .....
(jum, xahar, sena)

L-indirizz tiegħi tad-dar jew permanenti* biex jitniżżel fir-Reġistru huwa

.....

L-indirizz* li fih iċ-ċertifikat tiegħi ta' Reġistrazzjoni għandu jintbagħat huwa

.....

Deskrizzjoni ta' kwalifika(i) .....

Data li fiha ġiet/ġew mogħtija .....

Università jew Korp li minnhom ġiet/ġew mogħtija .....

Firma ta' l-applikant .....

Data ta' l-applikazzjoni .....

* Agħti dawn l-indirizzi sħaħ.

IT-TIELET SKEDA

Artikolu 43

FORMULA TA' ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI

BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA —MALTA
ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI FIR-REĠISTRU TA' .....
(LISTA .....)

Numru ..... Data .....

JIENA HAWNHEKK NIĊĊERTIFIKA illi din li ġejja hija kopja vera tan-notament imniżżel fil-Lista ..... tar-Reġistru ..... dwar l-isem speċifikat hawn taħt:—

Numru ta' Reġistrazzjoni	Isem	Indirizz	Data ta' Reġistrazzjoni	Kwalifiki

Siġill

BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA — MALTA

REĠISTRATUR

IR-RABA' SKEDA

Artikolu 48

FORMULA TA' ĊERTIFIKAT TA' BDIL TA' ISEM REĠISTRAT

BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI GHALL-MEDIĊINA —MALTA

ĊERTIFIKAT TA' BDIL TA' ISEM FIR-REĠISTRU TA' .....

Numru ..... Data .....

JIENA HAWNHEKK NIĊĊERTIFIKA illi l-isem li ġej ġie mibdul kif muri fir-Reġistru .....

Isem kif kien qabel fir-Reġistru	Isem kif Reġistrat issa	Indirizz	Data ta' Reġistrazzjoni	Kwalifiki

Siġill

BORD DWAR IL-PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI GHALL-MEDIĊINA — MALTA.

REĠISTRATUR